ISSN 1725-5104

**Ħarġa Speċjali ***
**2 ta' Frar 2006**

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

Edizzjoni bil-Malti

## Leġiżlazzjoni

Werrej

I *Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

. . . . . .

II *Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

**Bank Ċentrali Ewropew**

★ **Linja ta' gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-17 ta' Novembru, 2005 li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' l-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali *(BĊE/2005/13)*** . . . . . . 1

★ **Linja ta' gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' Diċembru, 2005 li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 dwar l-Istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta' l-Ewrosistema *(BĊE/2005/17)*** . . . . . . 26

1

MT

* Din il-Ħarġa Speċjali bil-Malti hija ppubblikata bil-lingwi uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea fil-ĠU L 30

II

*(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# BANK ĊENTRALI EWROPEW

## LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-17 ta' Novembru, 2005**

**li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' l-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali**

***(BĊE/2005/13)***

(2006/43/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u partikolarment l-Artikolu 5.1 u 5.2, l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 tiegħu,

Billi:

(1) Wara reviżjoni tal-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 tal-21 ta' Novembru 2002, dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' l-istatistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-kontijiet finanzjarji trimestrali ([1]), instab li kienu jeħtieġu ċerti emendi.

(2) Il-BĊE ikollu sett konsistenti ta' *data* integrati għal analiżi monetarja u ekonomika jekk ikollu kopertura sħiħa ta' kategoriji ta' attiv u passiv finanzjarju għal karti tal-bilanċ finanzjarji u operazzjonijiet finanzjarji, u kopertura sħiħa tas-setturi istituzzjonali kollha taż-żona ta' l-euro u l-bqija tad-dinja. Kopertura sħiħa ta' kategoriji ta' attiv u passiv finanzjarju tippermetti "rikonċiljazzjoni vertikali" ta' kontijiet ta' operazzjonijiet finanzjarji u kontijiet mhux finanzjarji fi ħdan setturi istituzzjonali taż-żona ta' l-euro u fir-rigward tal-bqija tad-dinja, u tippermetti l-kumpilazzjoni ta' ċerti oġġetti li jibbilanċjaw bħal self (*lending*) nett/self (*borrowing*) nett u l-valur ta' l-attiv finanzjarju nett. Kopertura sħiħa tas-setturi istituzzjonali kollha taż-żona ta' l-euro u l-bqija tad-dinja tippermetti "rikonċiljazzjoni orrizzontali" ta' strumenti tul is-setturi, li huwa essenzjali biex tkun żgurata l-kwalità għolja tal-kontijiet finanzjarji. Kull fejn possibbli teħtieġ it-trażmissjoni ta' *data* separati għas-setturi istituzzjonali "intermedjarji finanzjarji oħra, ħlief korporazzjonijiet ta' assigurazzjoni u fondi tal-pensjoni" (S.123) u "awżiljarji finanzjarji" (S.124). L-obbligi emendati ta' rappurtar jeħtieġu l-kumpilazzjoni tal-kontijiet finanzjarji nazzjonali trimestrali sħaħ. L-Istati Membri li jadottaw l-euro wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Linja ta' Gwida ser ikollhom obbligi anqas estensivi fuq id-*data* ta' qabel milli l-Istati Membri li qed jipparteċipaw bħalissa, billi dawn ta' l-aħħar diġà bdew jiżviluppaw kontijiet finanzjarji trimestrali bis-saħħa tal-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7.

(3) Informazzjoni mis-settur tal-kontroparti (imsejħa wkoll bħala "from whom-to-whom information" informazzjoni minn min għal min) dwar attiv u passiv finanzjarju, partikolarment depożiti, titoli u self, hija meħtieġa għall-analiżi tal-politika monetarja u dik ekonomika. Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) għandhom bżonn sa April 2008 biex iwaqqfu sistemi ta' kumpilazzjoni li jipprovdu taqsim komplet tad-depożiti tal-kontroparti miżmumin minn debituri li joqgħodu fiż-żona ta' l-euro u ta' self (*loans*) mogħti minn kredituri li joqgħodu fiż-żona ta' l-euro.

(4) L-inkorporazzjoni ta' obbligi ta' *data* skond ir-Regolament (KE) Nru 501/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-10 ta' Marzu 2004, dwar kontijiet finanzjarji trimestrali għall-gvern ġenerali ([2]) fl-obbligi skond il-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 hija meħtieġa biex tiżgura t-trażmissjoni fil-ħin u effiċjenti ta' *data* tal-gvern ġenerali li huma konsistenti mal-kontijiet finanzjarji trimestrali globali.

([1]) ĠU L 334, tal-11.12.2002, p. 24.

([2]) ĠU L 81, tad-19.3.2004, p. 1.

(5) Fi żmien medju, b'kunsiderazzjoni ta' dewmien aqsar fit-trażmissjoni għad-*data* trimestrali skond il-ħafna oqfsa ġodda tat-trażmissjoni tad-*data* nazzjonali, l-għan huwa biex ikun hemm aktar titjib f'kemm ikunu fil-ħin il-kontijiet finanzjarji trimestrali fil-livell taż-żona ta' l-euro, biex b'hekk il-BĊE ikun jista' jikkumpila sett integrat ta' kontijiet finanzjarji u mhux finanzjarji taż-żona ta' l-euro.

(6) Biex tkun tista' ssir analiżi tad-*data* preċiża, għandha tingħata informazzjoni dwar avvenimenti u reviżjonijiet ewlenin kull meta dawn jista' jkollhom effetti maġġuri fuq aggregat taż-żona ta' l-euro.

(7) Il-kontijiet finanzjarji jiġu minn diversi statistiċi u d-*data* huma bbażati parzjalment fuq l-istimi. Ir-restrizzjonijiet fuq sistemi tal-ġbir għal dawn l-istatistiċi u fuq ir-riżorsi jfissru li derogi temporanji minn din il-Linja ta' Guida jista' jkollhom jingħataw, ħlief fir-rigward ta' kull *data* li għalihom teżisti diġà bażi għall-għoti ta' stimi affidabbli jew l-aħjar li jistgħu jingħataw.

(8) Biex tittejjeb il-kwalità tad-*data* mibgħuta lill-BĊE, biex tkun kondiviża l-aħjar prattika, u biex jittejjeb l-għarfien tar-relazzjoni bejn id-*data* trażmessi lill-BĊE skond diversi atti legali, il-BĊE f'koperazzjoni mal-BĊNi ser jipproduċi inventarju tal-metodi u sorsi użati għall-kumpilazzjoni ta' dawn id-*data*, partikolarment id-*data* għall-karti tal-bilanċ finanzjarji u l-operazzjonijiet finanzjarji meħtieġa fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness I tal-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7. Dan l-inventarju ser jiddokumenta, għal kull pajjiż taż-żona ta' l-euro: il-metodi użati għall-aġġustament tad-*data* tas-sors, biex dawk id-*data* josservaw ir-regoli stabbiliti fl-ESA 95; u r-"rikonċiljazzjoni orizzontali" ta' l-attiv u l-passivi finanzjarju tul is-setturi istituzzjonali taż-żona ta' l-euro.

(9) Skond l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 ta' l-Istatut, il-Linji ta' Gwida tal-BĊE jifformaw parti integrali mil-Liġi tal-Komunità,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

*Artikolu 1*

Il-Linja ta' Gwida BĊE/2002/7 hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din il-Linja ta' Gwida

1. 'Stat Membru li jipparteċipa' għandu jfisser Stat Membru li adotta l-euro;

2. 'Stat Membru ġdid li jipparteċipa' għandu jfisser Stat Membru li jsir Stat Membru li jipparteċipa wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-Linja ta' Gwida;

3. 'iż-żona ta' l-euro' għandha tfisser it-territorju ekonomiku ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw, u l-BĊE."

2. L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'li ġej:

"*Artikolu 2*

**Obbligi dwar l-irrappurtar ta' l-istatistika tal-BĊNi**

1. Il-BĊNi għandhom jirrappurtaw lill-BĊE *data* għall-attiv u l-passiv finanzjarju, kif speċifikat fl-Anness I, fuq bażi trimestrali kalendarja mhux aġġustata. Id-*data* għandhom jikkonformaw mal-prinċipji u d-definizzjonijiet ta' l-ESA 95, sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Anness I. M'għandhomx ikunu aġġustati għall-effetti staġonali jew tal-jiem tax-xogħol. Jekk m'hemmx biżżejjed statistiki tas-sors minn fejn tinġieb id-*data* għal ċertu attiv jew passiv finanzjarju, il-BĊNi għandhom jipprovdu l-aħjar stimi għall-kompilazzjoni ta' l-aggregati taż-żona ta' l-euro. Il-BĊNi għandhom jibagħtu *data* separati għas-sottosetturi istituzzjonali S.123 u S.124 jew, jekk ma jkunux jistgħu jikkumpilaw *data* separati, huma għandhom jibagħtu *data* ikkombinati għas-sottosetturi istituzzjonali S.123+S.124.

2. It-trażmissjoni tad-*data* speċifikati fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness I għandha tibda fl-1 ta' Jannar, 2006. It-trażmissjoni tad-*data* speċifikati fit-Tabelli 3-5 ta' l-Anness I għandha tibda f'April 2008.

3. Għall-BĊNi ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw, l-obbligi tad-*data* għandhom ikunu kif ġej:

(a) Id-*data* kollha għas-setturi istituzzjonali u s-sottosetturi istituzzjonali ewlenin (S.11, S.121+122, S.123, S.124, S.125, S.13 u S.14+15) u l-bqija tad-dinja (S.2), kif speċifikati fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness I, bl-eċċezzjoni ta' l-informazzjoni tas-settur tal-kontroparti għandhom ikopru:

   (i) għal ammonti pendenti, il-perjodu mill-aħħar trimestru ta' l-1997 sat-trimestru li għalih tirriferi t-trażmissjoni;

   u

   (ii) għal operazzjonijiet, il-perjodu mill-ewwel trimestru ta' l-1998 sat-trimestru li għalih tirriferi t-trażmissjoni.

(b) L-informazzjoni għas-settur tal-kontroparti għas-setturi istituzzjonali u s-sottosetturi istituzzjonali ewlenin (S.11, S.121+122, S.123, S.124, S.125, S.13 u S.14+15) u l-bqija tad-dinja (S.2), kif speċifikat fit-Tabelli 1-5 ta' l-Anness I, għandha tkopri:

(i) għal ammonti pendenti, il-perjodu mill-aħħar trimestru ta' l-1998 sat-trimestru li għalih tirriferi t-trażmissjoni;

u

(ii) għal operazzjonijiet, il-perjodu mill-ewwel trimestru ta' l-1999 sat-trimestru li għalih tirriferi t-trażmissjoni.

(ċ) Id-*data* għas-sottosetturi ġenerali tal-gvern (S.1311, S.1312, S.1313 u S.1314), speċifikati fit-Tabelli 1 u 2 ta' l-Anness I, għandhom ikopru:

(i) għal ammonti pendenti, il-perjodu mill-aħħar trimestru ta' l-1998 sat-trimestru li għalih tirrifieri t-trażmissjoni;

u

(ii) għal operazzjonijiet, il-perjodu mill-ewwel trimestru ta' l-1999 sat-trimestru li għalih tirriferi t-trażmissjoni

(d) Is-settur tal-kontroparti 'Residenti fi Stati Membri oħra li jipparteċipaw' fit-Tabelli 3-5 ta' l-Anness I u s-settur li jagħmel il-ħruġ għall-paragrafu 'Ishma tal-fondi tas-suq tal-flus maħruġin mill-MFIs taż-żona ta' l-euro' fil-linja 36 tat-Tabella 1 ta' l-Anness I għandu jinkludi wkoll *data* li jkopru l-Istati Membri ġodda li jipparteċipaw. Id-*data* fir-rigward ta' kull Stat Membru ġdid li jipparteċipa għandhom jiddaħħlu mill-ewwel trimestru wara li dak l-Istat Membru jkun sar Stat Membru li jipparteċipa, kif ġej:

(i) jekk l-Istat Membru ġdid li jipparteċipa kien Stat Membru ta' l-UE fl-1999, id-*data* għandhom imorru lura għal ta' l-inqas għall-ewwel trimestru ta' l-1999;

u

(ii) jekk l-Istat Membru ġdid li jipparteċipa ma kienx Stat Membru ta' l-UE fl-1999, id-*data* għandhom imorru lura għal ta' l-inqas għall-ewwel trimestru tas-sena meta l-Istat Membru aderixxa fl-UE.

4. Għall-BĊNi ta' Stati Membri ġodda li jipparteċipaw l-obbligi tad-*data*, bħala deroga mill-paragrafu 3 huma kif ġej:

(a) Għal Stati Membri ġodda li jipparteċipaw li kienu Stati Membri ta' l-UE fl-1999, id-*data* kollha dwar l-attiv u l-passiv finanzjarju speċifikati fit-Tabelli 1-5 ta' l-Anness I għandhom ikopru l-perjodu mill-ewwel trimestru ta' l-1999 sat-trimestru li għalih tirrifieri t-trażmissjoni.

(b) Għal Stati Membri ġodda li jipparteċipaw li ma kinux Stati Membri ta' l-UE fl-1999, id-*data* kollha dwar l-attiv u l-passiv finanzjarju speċifikati fit-Tabelli 1-5 ta' l-Anness I għandhom ikopru l-perjodu mill-ewwel trimestru tas-sena meta l-Istat Membru aderixxa fl-UE sat-trimestru li għalih tirrifieri t-trażmissjoni.

(ċ) Is-settur tal-kontroparti 'Residenti fi Stati Membri oħra li jipparteċipaw' fit-Tabelli 3-5 ta' l-Anness I u s-settur tal-ħruġ għall-paragrafu 'Ishma tal-fondi tas-suq tal-flus maħruġin mill-MFIs taż-żona ta' l-euro' fil-linja 36 tat-Tabella 1 ta' l-Anness I għandu jinkludi *data* li jkopru l-Istati Membri ġodda oħra li jipparteċipaw. Id-*data* fir-rigward ta' kull Stat Membru ġdid ieħor li jipparteċipa għandhom jiddaħħlu mill-ewwel trimestru wara li dak l-Istat Membru jkun sar Stat Membru li jipparteċipa. Ir-rekwiżiti preċiżi tad-*data* għandhom ikunu speċifikati mill-Kumitat ta' l-Istatistika tas-SEBĊ skond ir-rekwiżiti tad-*data* preskritti fil-paragrafi 3(d).

5. Id-data kollha koperti mill-paragrafi 3(d) u 4(ċ) jistgħu jingħataw fuq il-bażi ta' l-aħjar stima.

6. Id-*data* għandhom ikunu akkumpanjati b'informazzjoni spjegata dwar l-avvenimenti maġġuri li seħħu matul it-trimestru l-aktar riċenti ta' referenza u dwar raġunijiet għal reviżjonijiet, jekk id-daqs tat-tibdil tad-*data* kkaġunat minn dawn l-avvenimenti maġġuri jew mir-reviżjonijiet huwa mill-anqas 0.2 % tal-prodott gross domestiku trimestrali taż-żona ta' l-euro, jew jekk il-BĊE jitlob dik l-informazzjoni."

3. L-Artikolu 4(1) huwa sostitwit b'li ġej:

"1. Id-*data* u informazzjoni oħra deskritta fl-Artikolu 2 għandhom ikun irrappurtati lill-BĊE f'perjodu li m'għandux jaqbeż il-110 jum kalendarju wara t-tmiem tat-trimestru li dwaru għandhom x'jaqsmu d-*data*."

4. L-Annessi I, II u III huma sostitwiti bl-Annessi I, II u III ta' din il-Linja ta' Gwida.

*Artikolu 2*

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2006.

*Artikolu 3*

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-BĊNi ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-17 ta' Novembru 2005.

*Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE*

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

*ANNESS 1*

*"ANNESS 1*

**OBBLIGI TAR-RAPPURTAR TAD-DATA**

***Tabella 1***

**Attiv finanzjarju — fuq bażi mhux ikkonsolidata ħlief għall-attiv finanzjarju tas-sottosetturi tal-gvern ġenerali (S.1311, S.1312, S.1313 u S.1314), li huma fuq bażi konsolidata** (1)

Ammonti pendenti (AF) u operazzjonijiet (F) (2)

| | | A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | M | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Settur tal-kreditur** | | | | | | | | | | | | | |
| **Strument finanzjarju**<br>Settur/erja tad-debitur | | **Ekonomija totali (S.1)** | **Korporazzjonijiet mhux finanzjarji (NFCs) (S.11)** | **Istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs) (S.121+S.122)** | **OFIs u awżiljarji finanzjarji (S.123+S.124)** (*) | Intermedjarji ohra finanzjarji ħlief għall-ICPFs (OFIs) (S.123) (*) | Awżiljarji finanzjarji (S.124) (*) | **Korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi għall-pensjonijiet (ICPFs) (S.125)** | **Gvern ġenerali (S.13)** | Gvern ċentrali (S.1311) | Gvern statali (S.1312) | Gvern lokali (S.1313) | Fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314) | **Djar u NPISHs** (3) **(S.14+S.15)** | **Il-bqija tad-dinja (S.2)** |
| 1 | **Deheb monetarju u dritt speċjali ta' kreditu (SDRs) (AF.1)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 2 | **Valuta u depożiti (AF.2)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 3 | **Valuta (AF.21)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 4 | **Depożiti (AF.22+AF.29)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 5 | Miżmuma minn residenti (S.1) | | | | | | | | | | | | | | |
| 6 | Miżmuma minn MFIs (S.121+S.122) | | | | | | | | | | | | | | |
| 7 | Miżmuma minn non-MFIs | | | | | | | | | | | | | | |
| 8 | Miżmuma minn min mhux residenti (S.2) | | | | | | | | | | | | | | |
| 9 | **Titoli ta' dejn għal żmien qasir (AF.331)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 10 | Maħruġa minn NFCs (S.11) | | | | | | | | | | | | | | |

| | | A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | M | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji (S.12) | | | | | | | | | | | | | | |
| 12 | Maħruġa minn ICPFs (S.125) | | | | | | | | | | | | | | |
| 13 | Maħruġa minn min mhux residenti (S.2) | | | | | | | | | | | | | | |
| 14 | **Titoli ta' dejn fit-tul (AF.332)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 15 | Maħruġa minn NFCs (S.11) | | | | | | | | | | | | | | |
| 16 | Maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji (S.12) | | | | | | | | | | | | | | |
| 17 | Maħruġa minn ICPFs (S.125) | | | | | | | | | | | | | | |
| 18 | Maħruġa minn min mhux residenti (S.2) | | | | | | | | | | | | | | |
| 19 | **Derivattivi finanzjarji (AF.34)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 20 | **Self (*loans*) għal żmien qasir (AF.41)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 21 | Mogħtija lil NFCs (S.11) | | | | | | | | | | | | | | |
| 22 | Mogħtija lil ICPFs (S.125) | | | | | | | | | | | | | | |
| 23 | Mogħtija lil djar u NPISHs ([3]) (S.14+15) | | | | | | | | | | | | | | |
| 24 | **Self (*loans*) fit-tul (AF.42)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 25 | Mogħtija lil NFCs (S.11) | | | | | | | | | | | | | | |
| 26 | Mogħtija lil ICPFs (S.125) | | | | | | | | | | | | | | |
| 27 | Mogħtija lil djar u NPISH ([3]) (S.14+15) | | | | | | | | | | | | | | |
| 28 | **Ishma u interess azzjonarju ieħor (AF.5)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 29 | Maħruġa minn NFCs (S.11) | | | | | | | | | | | | | | |
| 30 | Maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji (S.12) | | | | | | | | | | | | | | |

| | | A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | M | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 31 | Maħruġa minn ICPFs (S.125) | | | | | | | | | | | | | | |
| 32 | Maħruġa minn min mhux residenti (S.2) | | | | | | | | | | | | | | |
| 33 | **Ishma kkwotati (AF.511)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 34 | **Ishma mhux kkwotati u interess azzjonarju ieħor (AF.512+AF.513)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 35 | **Ishma ta' *mutual funds* (AF.52)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 36 | **Ishma tal-fondi tas-suq tal-flus maħruġa minn MFIs taż-żona ta' l-euro** | | | | | | | | | | | | | | |
| 37 | **Valur proprjetarju nett tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u f'riżervi ta' fondi għall-pensjonijiet (AF.61)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 38 | **Valur proprjetarju nett tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (AF.611)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 39 | **Valur proprjetarju nett ta' djar f'riżervi ta' fondi għall-pensjonijiet (AF.612)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 40 | **Ħlasijiet minn qabel ta' *premiums* ta' l-assigurazzjoni u riżervi u għal talbiet pendenti (AF.62)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 41 | **Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli (AF.7)** | | | | | | | | | | | | | | |

(¹) Il-kodiċijiet ESA 95 huma użati biex jikklassifikaw setturi istituzzjonali (ara l-Kapitolu 2 ta' l-ESA 95), operazzjonijiet finanzjarji (ara l-Kapitolu 5 ta' l-ESA 95) u ammonti pendenti (ara l-Kapitolu 7 ta' l-ESA 95).

(²) L-obbligi tad-*data* għall-ammonti pendenti u operazzjonijiet huma identiċi, ħlief għad-deheb monetarju u l-SDRs (AF.1) bħala oġġett ta' l-attiv għall-bqija tad-dinja, li jintalab biss għall-operazzjonijiet.

(³) NPISHs huma istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jaqdu d-djar (S.15).

(*) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(1), l- NCBs jittrażmettu *data* separati għas-sottosetturi istituzzjonali S.123 u S.124 jew, jekk ma jistgħux jikkompilaw *data* separata, jittrażmettu *data* kkombinata għas-sottosetturi istituzzjonali S.123+S.124.

*Tabella 2*

**Passiv — fuq bażi mhux ikkonsolidata ħlief għall-passiv tas-sottosetturi tal-gvern ġenerali (S.1311, S.1312, S.1313 u S.1314), li huma fuq bażi kkonsolidata** (1)

Ammonti pendenti (AF) u operazzjonijiet (F) (2)

| | **Strument finanzjarju**<br>Settur/erja tal-kreditur | A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | M | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Settur tad-debitur** | | | | | | | | | | | | | |
| | | **Ekono-mija totali (S.1)** | **Korporaz-zjonijiet mhux finanzjarji (NFCs) (S.11)** | **Istituzzjoni-jiet monetarji finanzjarji (MFIs) (S.121+S.122)** | **OFIs u awżiljarji finanzjarji (S.123+S.124)** (*) | Inter-medjarji oħra finanzjarji ħlief għall-ICPFs (OFIs) (S.123) (*) | Awżiljarji finanzjarji (S.124) (*) | **Korporazzjo-nijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi għall-pensjonijiet (ICPFs) (S.125)** | **Gvern ġenerali (S.13)** | Gvern ċentrali (S.1311) | Gvern statali (S.1312) | Gvern lokali (S.1313) | Fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314) | **Djar u NPISHs** (3) **(S.14+S.15)** | **Il-bqija tad-dinja (S.2)** |
| 1 | **Valuta u depożiti (AF.2)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 2 | **Valuta (AF.21)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 3 | **Depożiti (AF.22+AF.29)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 4 | **Titoli ta' dejn għal żmien qasir (AF.331)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 5 | **Titoli ta' dejn fit-tul (AF.332)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 6 | **Derivattivi finanzjarji (AF.34)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 7 | **Self (*loans*) għal żmien qasir (AF.41)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 8 | Mogħtija minn residenti (S.1) | | | | | | | | | | | | | | |
| 9 | Mogħtija minn MFIs (S.121+S.122) | | | | | | | | | | | | | | |
| 10 | Mogħtija minn non-MFIs | | | | | | | | | | | | | | |
| 11 | Mogħtija minn ICPFs (S.125) | | | | | | | | | | | | | | |
| 12 | Mogħtija minn min mhux residenti (S.2) | | | | | | | | | | | | | | |
| 13 | **Self (*loans*) fit-tul (AF.42)** | | | | | | | | | | | | | | |

| | | A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | M | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Mogħtija minn residenti (S.1) | | | | | | | | | | | | | | |
| 15 | Mogħtija minn MFIs (S.121+S.122) | | | | | | | | | | | | | | |
| 16 | Mogħtija minn non-MFIs | | | | | | | | | | | | | | |
| 17 | Mogħtija minn ICPFs (S.125) | | | | | | | | | | | | | | |
| 18 | Mogħtija minn min mhux residenti (S.2) | | | | | | | | | | | | | | |
| 19 | **Ishma u interess azzjonarju ieħor (AF.5)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 20 | **Ishma kkwotati (AF.511)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 21 | **Ishma mhux ikkwotati u interess azzjonarju ieħor (AF.512+AF.513)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 22 | **Ishma tal-*mutual funds* (AF.52)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 23 | **Valur proprjetarju nett tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u f'riżervi ta' fondi għall-pensjonijiet (AF.61)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 24 | **Valur proprjetarju nett tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (AF.611)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 25 | **Valur proprjetarju nett tad-djar f'riżervi ta' fondi għall-pensjonijiet (AF.612)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 26 | **Ħlasijiet minn qabel ta' *premiums* ta' l-assigurazzjoni u riżervi għal talbiet pendenti (AF.62)** | | | | | | | | | | | | | | |

| | | A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | M | N |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | **Kontijiet oħra riċevibbli/ pagabbli (AF.7)** | | | | | | | | | | | | | | |
| 28 | **L-attiv finanzjarju nett** (4) | | | | | | | | | | | | | | |

(1) Il-kodiċijiet ESA 95 huma użati biex jikklassifikaw setturi istituzzjonali (ara l-Kapitolu 2 ta' l-ESA 95), operazzjonijiet finanzjarji (ara l-Kapitolu 5 ta' l-ESA 95) u ammonti pendenti (ara l-Kapitolu 7 ta' l-ESA 95).
(2) L-obbligi tad-data għall-ammonti pendenti u operazzjonijiet huma identiċi.
(3) NPISHs huma istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jaqdu d-djar (S.15).
(4) Jew self (*lending/borrowing*) nett f'każ ta'operazzjonijiet.
(*) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(1), l- NCBs jittrażmettu *data* separati għas-sottosetturi istituzzjonali S.123 u S.124 jew, jekk ma jistgħux jikkompilaw *data* separata, jittrażmettu data kkombinata għas-sottosetturi istituzzjonali S.123+S.124.

## *Tabella 3*

## Depożiti, mhux ikkonsolidati

Ammonti pendenti (AF.22+AF.29) u operazzjonijiet (F.22+F.29) (1) (2)

| | | | A | B | C | D | E | F | G | H | I | J | K | L | M | N | O | P | Q | R | S | T | U |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Debitur** / **Kreditur** | | **Total** | **Residenti** | | | | | | | | | **Min mhux residenti** | | | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | **Total** | Residenti fi Stati Membri oħra li jipparteċipaw | | | | | | | | | **Residenti barra ż-żona ta' l-euro** |
| | | | | Total | S.11 | S.121+ S.122 | S.123+ S.124 (*) | S.123 (*) | S.124 (*) | S.125 | S.13 | S.14+ S.15 | | Total | S.11 | S.121+ S.122 | S.123+ S.124 (*) | S.123 (*) | S.124 (*) | S.125 | S.13 | S.14+ S.15 | |
| 1 | **Resi-denti** | Total | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 2 | | S.11 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 3 | | S.121+S.122 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 4 | | S.123+S.124 (*) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 5 | | S.123 (*) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 6 | | S.124 (*) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 7 | | S.125 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| 8 | | S.13 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

(1) Il-kodiċijiet ESA 95 huma użati biex jikklassifikaw setturi istituzzjonali (ara l-Kapitolu 2 ta' l-ESA 95), operazzjonijiet finanzjarji (ara l-Kapitolu 5 ta' l-ESA 95) u ammonti pendenti (ara l-Kapitolu 7 ta' l-ESA 95).
(2) L-obbligi tad-data għall-ammonti pendenti u operazzjonijiet huma identiċi.
(*) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(1), l- NCBs jittrażmettu *data* separati għas-sottosetturi istituzzjonali S.123 u S.124 jew, jekk ma jistgħux jikkompilaw *data* separati, jittrażmettu data kkombinata għas-sottosetturi istituzzjonali S.123+S.124.

*Tabella 4*

**Self (loans) għal żmien qasir, mhux ikkonsolidati**

Ammonti pendenti (AF.41) u operazzjonijiet (F.41) (1) (2)

| | | | | A | B | C | D | E | F | G | H | I |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Debitur** / **Kreditur** | | | **Residenti** | | | | | | | | |
| | | | | Total | S.11 | S.121+S.122 | S.123+S.124 (*) | S.123 (*) | S.124 (*) | S.125 | S.13 | S.14+S.15 |
| 1 | **Total** | | | | | | | | | | | |
| 2 | **Residenti** | | Total | | | | | | | | | |
| 3 | | | S.11 | | | | | | | | | |
| 4 | | | S.121+S.122 | | | | | | | | | |
| 5 | | | S.123+S.124 (*) | | | | | | | | | |
| 6 | | | S.123 (*) | | | | | | | | | |
| 7 | | | S.124 (*) | | | | | | | | | |
| 8 | | | S.125 | | | | | | | | | |
| 9 | | | S.13 | | | | | | | | | |
| 10 | | | S.14+S.15 | | | | | | | | | |
| 11 | **Min mhux residenti** | **Total** | | | | | | | | | | |
| 12 | | **Residenti fi Stati Membri oħra li jipparteċipaw** | Total | | | | | | | | | |
| 13 | | | S.11 | | | | | | | | | |
| 14 | | | S.121+S.122 | | | | | | | | | |
| 15 | | | S.123+S.124 (*) | | | | | | | | | |
| 16 | | | S.123 (*) | | | | | | | | | |
| 17 | | | S.124 (*) | | | | | | | | | |
| 18 | | | S.125 | | | | | | | | | |
| 19 | | | S.13 | | | | | | | | | |
| 20 | | | S.14+S.15 | | | | | | | | | |
| 21 | | **Residenti barra ż-żona ta' l-euro** | | | | | | | | | | |

(1) Il-kodiċijiet ESA 95 huma użati biex jikklassifikaw setturi istituzzjonali (ara l-Kapitolu 2 ta' l-ESA 95), operazzjonijiet finanzjarji (ara l-Kapitolu 5 ta' l-ESA 95) u ammonti pendenti (ara l-Kapitolu 7 ta' l-ESA 95).
(2) L-obbligi tad-data għall-ammonti pendenti u operazzjonijiet huma identiċi.
(*) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(1), l-NCBs jittrażmettu *data* separati għas-sottosetturi istituzzjonali S.123 u S.124 jew, jekk ma jistgħux jikkompilaw *data* separati, jittrażmettu data kkombinata għas-sottosetturi istituzzjonali S.123+S.124.

*Tabella 5*

**Self (loans) fit-tul, mhux ikkonsolidati**

Ammonti pendenti (AF.42) u operazzjonijiet (F.42) ([1]) ([2])

| | | | | A | B | C | D | E | F | G | H | I |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Debitur** / **Kreditur** | | | **Residenti** | | | | | | | | |
| | | | | Total | S.11 | S.121+S.122 | S.123+S.124 (*) | S.123 (*) | S.124 (*) | S.125 | S.13 | S.14+S.15 |
| 1 | **Total** | | | | | | | | | | | |
| 2 | **Residenti** | | Total | | | | | | | | | |
| 3 | | | S.11 | | | | | | | | | |
| 4 | | | S.121+S.122 | | | | | | | | | |
| 5 | | | S.123+S.124 (*) | | | | | | | | | |
| 6 | | | S.123 (*) | | | | | | | | | |
| 7 | | | S.124 (*) | | | | | | | | | |
| 8 | | | S.125 | | | | | | | | | |
| 9 | | | S.13 | | | | | | | | | |
| 10 | | | S.14+S.15 | | | | | | | | | |
| 11 | **Min mhux residenti** | **Total** | | | | | | | | | | |
| 12 | | **Residenti fi Stati Membri oħra li jipparteċipaw** | Total | | | | | | | | | |
| 13 | | | S.11 | | | | | | | | | |
| 14 | | | S.121+S.122 | | | | | | | | | |
| 15 | | | S.123+S.124 (*) | | | | | | | | | |
| 16 | | | S.123 (*) | | | | | | | | | |
| 17 | | | S.124 (*) | | | | | | | | | |
| 18 | | | S.125 | | | | | | | | | |
| 19 | | | S.13 | | | | | | | | | |
| 20 | | | S.14+S.15 | | | | | | | | | |
| 21 | | **Residenti barra ż-żona ta' l-euro** | | | | | | | | | | |

([1]) Il-kodiċijiet ESA 95 huma użati biex jikklassifikaw setturi istituzzjonali (ara l-Kapitolu 2 ta' l-ESA 95), operazzjonijiet finanzjarji (ara l-Kapitolu 5 ta' l-ESA 95) u ammonti pendenti (ara l-Kapitolu 7 ta' l-ESA 95).

([2]) L-obbligi tad-data għall-ammonti pendenti u operazzjonijiet huma identiċi.

(*) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(1), l-NCBs jittrażmettu *data* separati għas-sottosetturi istituzzjonali S.123 u S.124 jew, jekk ma jistgħux jikkompilaw *data* separata, jittrażmettu data kkombinata għas-sottosetturi istituzzjonali S.123+S.124."

*ANNESS II*

*"ANNESS II*

**STANDARDS TA' TRAŻMISSJONI U KODIFIKAZZJONI**

Għat-trażmissjoni elettronika ta' informazzjoni ta' l-istatistika kif deskritt fl-Artikolu 2, il-BĊNi jużaw il-faċilità provduta mill-ESCB, li tiddependi fuq in-netwerk tat-telekomunikazzjonijiet 'ESCB-Net'. Il-format tal-messaġġ żviluppat għal dan l-iskambju ta' informazzjoni ta' l-istatistika huwa il-format 'Gesmes/TS'. Kull serje tal-ħin hija kkodifikata bl-użu tal-familja tal-kodiċi MUFA kif jidher hawn taħt.

Familja tal-kodiċi tal-MUFA

| Numru | Isem | Deskrizzjoni | Kodiċi |
|---|---|---|---|
| 1 | Frekwenza | Frekwenza tas-serje rrappurtata | CL_FREQ |
| 2 | Erja ta' riferenza | Kodiċi tal-pajjiż alfanumeriku b'żewġ ċifri ISO ta' l-Istat membru li qed jipprovdi d-*data* | CL_AREA_EE |
| 3 | Indikatur ta' l-aġġustament | Id-dimensjoni tindika jekk kienx hemm l-applikazzjoni ta' xi aġġustamenti għas-serje tal-ħin, bħal aġġustamenti staġonali u/jew tal-ġurnata tax-xogħol. | CL_ADJUSTMENT |
| 4 | Oġġett (strument finanzjarju) | Kategorija ta' l-istrument tas-serje tal-ħin | CL_MUFA_ITEM |
| 5 | Tip tad-*data* | Tip ta' kont (jiġifieri karti tal-bilanċ, operazzjonijiet finanzjarji u flussi oħra) | CL_DATA_TYPE_MUFA |
| 6 | Maturità oriġinali | Maturità oriġinali ta' l-istrument finanzjarju | CL_MATURITY_ORIG |
| 7 | Erja tad-debitur | Erja tar-residenza ta' l-unità istituzzjonali tad-debitur | CL_AREA_EE |
| 8 | Settur tad-debitur | Settur ta' l-unità istituzzjonali tad-debitur | CL_ESA95_SECTOR |
| 9 | Erja tal-kreditur | Erja ta' residenza ta' l-unità istituzzjonali tal-kreditur | CL_AREA_EE |
| 10 | Settur tal-kreditur | Settur ta' l-unità istituzzjonali tal-kreditur | CL_ESA95_SECTOR |
| 11 | Valutazzjoni | Metodu tal-valutazzjoni użata | CL_MUFA_VALUATION |
| 12 | Sors tad-*data* | Kodiċi użat biex jispeċifika s-sors tad-*data* | CL_MUFA_SOURCE" |

*ANNESS III*

*"ANNESS III*

**DEROGI DWAR IS-SERJE TAL-ĦIN ELENKATI FL-ANNESS 1, TABELLI 1 - 5** ([1])

1. **Data kurrenti** ([2])

| Tabella/ringiela/kolonna | Deskrizzjoni tas-serje tal-ħin | L-ewwel data tat-trażmissjoni ([3]) |
|---|---|---|
| IL-BELĠJU | | |
| 3/3-6/L-U | Depożiti miżmuma minn MFIs, OFIFAs, OFIs u FAs ta' minn min mhux residenti, imqassmin skond is-settur u l-erja tal-kontroparti | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 3/7/L, U | Depożiti miżmuma minn ICPFs ta' minn min mhux residenti, imqassmin skond l-erja tal-kontroparti | |
| 4/12, 13, 15-21/A-H | Self (*loans*) għal żmien qasir mogħti minn ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs u GG lil minn min mhux residenti, maqsum skond is-settur u l-erja tal-kontroparti | |
| 5/12-21/A-H | Self (*loans*) fit-tul mogħti minn ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs u GG lil minn min mhux residenti, maqsum skond is-settur u l-erja | |
| IL-ĠERMANJA | | |
| 1/9, 14/B, H, M | Titoli tad-dejn għal perjodu qasir u fit-tul miżmumin minn NFCs, GG, u HHs | It-tielet trimestru 2006 |
| 1/33/B, H, M | Ishma kkwotati miżmumin minn NFCs, GG, u HHs | |
| 1/33/N | Ishma kkwotati miżmumin minn RoW | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 1/34/A, B, H, M, N | Ishma mhux ikkwotati u interess azzjonarju ieħor miżmumin minn ekonomija totali, NFCs, GG, HHs u RoW | |
| 1/37/N | Valur proprjetarju nett tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u f'riservi ta' fondi għall-pensjonijiet miżmumin minn RoW | |
| 1/38, 39/M | Valur proprjetarju nett tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja miżmumin minn HHs & Valur proprjetarju nett tad-djar f'riżervi tal-fond tal-pensjoni miżmumin minn HHs | |
| 1/38, 39/N | Valur proprjetarju nett tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja & Valur proprjetarju nett tad-djar f'riżervi tal-fond tal-pensjoni miżmumin minn RoW | |
| 2/20/N | Ishma kkwotati maħruġa minn RoW u miżmumin minn ekonomija totali | |

([1]) Taqsiriet: NFCs = korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S.11); MFIs = istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (S.121+122); OFIFAs = intermedjarji finanzjarji oħra (ħlief għall-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi għall-pensjonijiet) u awżiljarji finanzjarji (S.123+S.124); OFIs = intermedjarji finanzjarji oħra, ħlief għall-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi għall-pensjonijiet (S.123); FAs = awżiljarji finanzjarji (S.124); ICPFs = korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni u fondi għall-pensjonijiet (S.125); GG = gvern ġenerali (S.13); CG = gvern ċentrali (S.1311); SG = gvern statali (S.1312); LG = gvern lokali (S.1313); SS = fondi tas-sigurtà soċjali (S.1314); HHs = djar u istituzzjonijiet mhux għall-profitt li jaqdu d-djar (S.14+S.15); RoW = il-bqija tad-dinja (S.2); SDRs = dritt speċjali ta' kreditu.

([2]) Id-derogi fir-rigward ta' *data* kurrenti awtomatikament jinkludu derogi korrispondenti fir-rigward tal-*data ta' qabel*.

([3]) It-trimestri f'din il-kolonna jindikaw it-trimestri meta l-ewwel trażmissjoni għandha ssir. L-ewwel trażmissjoni hija soġġetta għal dewmien fil-ħin kif speċifikat fl-Artikolu 4(1).

| Tabella/ringiela/kolonna | Deskrizzjoni tas-serje tal-ħin | L-ewwel data tat-trażmissjoni (3) |
|---|---|---|
| 2/21/N | Ishma mhux ikkwotati u interess azzjonarju ieħor maħruġa minn RoW u miżmumin minn ekonomija totali | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/23-25/N | Valur proprjetarju nett ta' djar f'riżervi ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u f'riżervi ta' fondi għall-pensjonijiet bħala passiv ta' RoW | |
| 2/26/N | Ħlasijiet minn qabel tal-*premiums* u riservi ta' l-assigurazzjoni talbiet pendenti bħala passiv tal-RoW | |
| 4/3-21/B, H | Self (*loans*) għal żmien qasir mogħti minn NFCs u GG lil residenti u lil min mhux residenti, maqsum skond is-settur u l-erja | |
| 4/12-21/G | Self (*loans*) għal żmien qasir mogħti minn ICPFs u lil min mhux residenti, maqsum skond is-settur u l-erja | |
| 5/3-21/B, H | Self (*loans*) fit-tul mogħti minn NFCs u GG lil residenti u lil min mhux residenti, maqsum skond is-settur u l-erja | |
| 5/12-21/G | Self (*loans*) fit-tul mogħti minn ICPFs lil min mhux residenti, maqsum skond is-settur u l-erja | |
| SPANJA | | |
| 1/19/A-E, G, N | Derivattivi finanzjarji bħala attiv ta' ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, OFIs, ICPFs u RoW | It-tieni trimestru 2007 |
| 2/6/A, C, D, F, N | Derivattivi finanzjarji bħala passiv ta' ekonomija totali, MFIs, OFIFAs, FAs u RoW | |
| FRANZA | | |
| 1/36/A-H, M, N | Ishma ta' fondi tas-suq tal-flus maħruġa mill-erja ta' l-euro MFIs miżmumin minn ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs, GG, HHs u RoW | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/8/A, B, D, F, G, M | Self (*loans*) għal żmien qasir mogħti minn residenti lill-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, FAs, ICPFs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/9/F | Self (*loans*) għal żmien qasir mogħti minn MFIs to FAs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/10/A, B, D, F, G, M | Self (*loans*) għal żmien qasir mogħti minn mhux MFIs lill-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, FAs, ICPFs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/12/A, D, F | Self (*loans*) fit-tul mogħti minn ICPFs lil min mhux residenti, maqsum skond is-settur u l-erja, OFIFAs u FAs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/14/A, B, D, F, G, M | Self (*loans*) fit-tul mogħti minn residenti lill-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, FAs, ICPFs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/15/F | Self (*loans*) fit-tul mogħti minn MFIs sa FAs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/16/A, B, D, F, G, M | Self (*loans*) fit-tul mogħti minn non-MFIs lill-ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, FAs, ICPFs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/18/A, D, F | Self (*loans*) fit-tul mogħti min mhux residenti, lill-ekonomija totali OFIFAs u FAs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 3/4/L-O, R-U | Depożiti ta' residenti fi Stati membri parteċipanti oħra maqsumin bis-settur tal-kontroparti u ta' residenti barra l-erja ta' l-euro, miżmumin minn OFIFAs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 3/7/L, U | Depożiti ta' residenti fi Stati Membri parteċipanti (totali) maqsumin bis-settur tal-kontroparti u ta' residenti barra l-erja ta' l-euro, miżmumin ma' ICPFs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 4, 5/2-21/A-B, D-H | Self (*loans*) għal żmien qasir u fit-tul mogħti minn ekonomija totali, NFCs, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs u GG lil residenti u m'humiex, maqsum skond is-settur u l-erja tal-kontroparti | Ir-raba' trimestru 2008 |

| Tabella/ringiela/kolonna | Deskrizzjoni tas-serje tal-ħin | L-ewwel data tat-trażmissjoni (3) |
|---|---|---|
| L-IRLANDA | | |
| 1/4, 5, 7/A, B, M | Depożiti, strument totali, depożiti miżmumin mar-residenti u depożiti miżmumin ma' non-MFIs ta' l-ekonomija totali, NFCs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 1/4/N | Depożiti miżmumin minn RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 1/9, 14/N | Titoli tad-dejn għal żmien qasir u fit-tul miżmumin minn RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 1/19/A, B, M | Derivattivi finanzjarji bħala attiv ta' l-ekonomija totali, NFCs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 1/19/N | Derivattivi finanzjarji bħala attiv ta' RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 1/20, 24/A, B, M | Self (*loans*) għal żmien qasir u twil mogħtija minn ekonomija totali, NFCs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 1/20, 24/N | Self (*loans*) għal żmien qasir u twil mogħtija minn RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 1/34/A, B, M | Ishma mhux ikkwotati u interess azzjonarju ieħor miżmumin minn ekonomija totali, NFCs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 1/33-35/N | Ishma kkwotati, ishma mhux ikkwotati u interess azzjonarju ieħor u ishma ta' *mutual funds* miżmumin minn RoW | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 1/37-39/M | Interess azzjonarju nett tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazjoni fuq il-ħajja u f'riżervi tal-fondi tal-pensjoni miżmumin minn HHs | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 1/40/A, B, M | Ħlasijiet minn qabel ta' *premiums* ta' l-assigurazzjoni u riżervi għal klejms pendenti miżmumin minn ekonomija totali, NFCs u HHs | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 1/41/A, B, M | Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli bħala attiv ta' l-ekonomija totali, NFCs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 1/41/N | Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli bħala attiv ta'RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 2/3/N | Depożiti miżmumin ma' RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 2/4, 5/N | Titoli tad-dejn għal żmien qasir u twil maħruġa minn RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 2/6/A, B, M | Derivattivi finanzjarji bħala passiv ta' l-ekonomija totali, NFCs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/6/N | Derivattivi finanzjarji bħala passiv ta RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 2/7, 8, 10, 13, 14, 16/A, B, M | Self (*loans*) għal żmien qasir u twil mogħtija lill-ekonomija totali, NFCs u HHs (strument total, *loans* mogħtija minn residenti u *loans* mogħtija minn non-MFIs) | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/7, 13/N | Self (*loans*) għal żmien qasir u twil mogħtija lil RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 2/20, 22/N | Ishma kkwotati u ishma ta' *mutual funds* maħruġa minn RoW | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/21/A, B, N | Ishma mux ikkwotati u interess azzjonarju ieħor marħuġa minn ekonomija totali, NFCs u RoW | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/23-26/N | Interess azzjonarju nett tad-djar f'riżervi ta' l-assigurazjoni fuq il-ħajja u f'riżervi tal-fondi tal-pensjoni u ħlasijiet minn qabel ta' *premiums* ta' l-assigurazzjoni u rriżervi għal klejms bħala passiv ta' RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 2/27/A, B, M | Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli bħala passiv ta' l-ekonomija totali, NFCs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 2/27/N | Kontijiet oħra riċevibbli/pagabbli bħala passiv ta RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 2/28/A, B, M | Attiv finanzjarju nett (għall-ammonti pendenti) u self (*lending/borrowing*) nett (għal operazzjonijiet) ta' l-ekonomija totali, NFCs u HHs | Ir-raba' trimestru 2008 |

| Tabella/ringiela/kolonna | Deskrizzjoni tas-serje tal-ħin | L-ewwel data tat-trażmissjoni [3] |
|---|---|---|
| 2/28/N | Attiv finanzjarju nett (għall-ammonti pendenti) u self (*lending/borrowing*) nett (għal operazzjonijiet) ta' RoW | Ir-raba' trimestru 2006 |
| 3/1, 4-8/L-U | Depożiti miżmumin ma' ekonomija totali, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs u GG, ta' minn mhux residenti, maqsumin bis-settur u l-erja tal-kontroparti | |
| 4,5/1-21/A, B, H, I | Self (*loans*) għal żmien qasir u twil mogħtija minn ekonomija totali, NFCs, GG u HHs lil residenti u minn mhux residenti, maqsumin bis-settur u l-erja tal-kontroparti | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 4, 5/12-21/D-G | Self (*loans*) għal żmien qasir u twil mogħtija minn OFIFAs, OFIs, FAs u ICPFs lil minn mhux residenti, maqsumin bis-settur u l-erja tal-kontroparti | |
| L-ITALJA | | |
| 3/3-6/M-T | Depożiti miżmuma minn MFIs, OFIFAs, OFIs u FAs ta' min mhux residenti, maqsumin bis-settur tal-kontroparti | |
| 4/13, 15-20/A-H | Self (*loans*) għal żmien qasir mogħti minn ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs u GG lil min mhux residenti, maqsum bis-settur tal-kontroparti | Ir-raba' trimestru 2008 |
| 5/13-20/A-H | Self (*loans*) fit-tul mogħti minn ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs u GG lil min mhux residenti, maqsum bis-settur tal-kontroparti | |
| L-OLANDA | | |
| 1/19/A-G, M, N | Derivattivi finanzjarji bħala attiv ta' ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs, HHs u RoW | |
| 1/33/A, C-F, N | Ishma kkwotati miżmumin minn ekonomija totali, MFIs, OFIFAs, OFIs, FAs u RoW | |
| 1/34/A-H, M, N | Ishma mhux ikkwotati u interess azzjonarju ieħor miżmumin minn ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs, HHs u RoW | |
| 1/35/A, C-F, N | Ishma tal-*mutual funds* miżmumin minn ekonomija totali, MFIs, OFIFAs, OFIs, FAs u RoW | |
| 1/36/A-H, M, N | Ishma tal-fondi tas-suq tal-flus maħruġa miż-żona ta' l-euro MFIs miżmumin minn ekonomija totali, NFCs, MFIs, OFIFAs, OFIs, FAs, ICPFs, GG, HHs u RoW | |
